**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 11 ta' Dicembru 2019

Rikors Numru: 435/19 AL

**AB**

Vs

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi huwa żżewweġ lill-intimata CD, detentriċi tal-karta tal-identita' bin-numru 456870 M, fil-ħamsa (5) t' Ottubru tas-sena elfejn (2000) fir-Reġistru taż-Żwieġ, il-Belt Valletta, liema żwieġ ġie reġistrat fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru wieħed, sebgħa, ħamsa, sebgħa tas-sena elfejn (1757/2000), u dan kif jirriżulta

minn vera kopja taċ-ċertifikat taż-Żwieġ hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'A';

2. Illi l-kontendenti partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' Separazzjoni li kien ġie ippublikat min-Nutar Dottor Annalisa Caruana fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja fotostatika qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala Dok. 'B';
3. Illi l-partijiet minn dan iż-żwieġ iddekadew reċiprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu manteniment fil-konfront ta' xulxin;
4. Illi mill-imsemmi żwieġ l-istess partijiet ma kellhomx tfal;
5. Illi r-rikorrenti iddiskuta mal-konsulent legali tiegħu, hawn sottofirmata, il-possibilita' ta' rikonċiljazzjoni taż-żwieġ odjern, u kkonkluda li m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni;
6. Illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012), illum il-ġurnata għaddew iktar minn ħames (5) snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-kontendenti partijiet;
7. Illi in vista ta' dak premess, jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mil-liġi għall-ħalla taż-żwieġ odjern u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara ż-żwieġ odjern maħlul u sussegwentament tippronunzja li l-partijiet huma divorzjati għall-effetti kollha tal-liġi, u
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex jirreġistrah skont il-liġi fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Settembru, 2019;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta u ma dehritx għal dawn il-proċeduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati minn Ġunju tas-sena elfejn u tnax (2012) u ilhom *de facto* separati ghal aktar minn ħames snin;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.